MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Numru. 223/2006

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo –Pilar Scerri Herrera LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**v**

**JASON ZAMMIT bin Vincent u Rita nee' Spiteri, imwieled fid-disgha w ghoxrin [29] ta' April, 1974 u residenti 'Jassyl', Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 10174G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JASON ZAMMIT** bin Vincent u Rita nee' Spiteri, imwieled fid-disgha w ghoxrin [29] ta' April, 1974 u residenti "Jassyl", Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 10174G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-tlettax [13] u fis-sebgha w ghoxrin [27] ta' Lulju 2005 f'The Bargain Electronics sitwat fi Triq Monsinjur P. Pace, r-Rabat, Ghawdex, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Talli fis-sitta w ghoxrin [26] ta' Awissu 2005, fl-istess post, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, provda u/jew offra li jipprovdi lil persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti, waqt li kien spovvist minn *cash register* fiskali, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (o) u 81 u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Semghet lil Paul Scicluna jixhed in rappresentanza.tad-Dipartiment tal-VAT.

Rat d-dokumenti kollha esibiti minnu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn ta' Mejju 2006 ghal akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u (o) u 81 u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998, **tiddikjara li ssib lill-imputat JASON ZAMMIT hati tal- akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt [300] lira maltin li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghti l-fakulta lil imputat jhallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin, b'dan li l-ewwel pagament huwa dovut mhux aktar tard mill-ahhar ta' Mejju 2006.**

**F'kaz li l-imputat jonqos li jaghmel imqar pagament wiehed, il-bilanc dovut ghandu jigi konvertit f'perjodu ta' prigunerija minnufih.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------